**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dottor Giovanni Grixti LL.D. LL.M.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech)**
**- vs -**
**Sammy Pace bin Tony u Carmen nee Grima li joqghod 10, Pjazza Madonna ta' Loretu, Ghajnsielem, Ghawdex.**
**Karta ta' Identita' numru 18879(G)**

Illum 5 ta' Gunju 2002.

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat talli fl-Imgarr Road, Xewkija (hdejn il-Lights) fit-28 t' April 2002 ghall-habta tas-2.30a.m. (1) saq vettura numru BBF 045 tat-tip Fiat Ritmo minghajr ma kienet licenzjata ghat-triq, (2) saq l-istess vettura minghajr ma kien kopert b'polza ta' assigurazzjoni, (3) hedded bi kliem lil Peter Paul Said (I.D. 234395 (M) minn Nadur, (4) aktar talli ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-pulizija.

F'kaz ta' htija minbarra l-piena l-Qorti hija gentilment mitluba tiskwalifika lill-istess Sammy Pace minn kull licenzja tas-sewqan ghall-perjodu ta' zmien li jidrilha xieraq, kif ukoll il-konfiska tal-vettura.

Semghet il-provi;

Issib lill-imputat hati;

Rat l-artikoli 15 (1) (A) tal-Kap 65 u 3 tal-Kap 104, 339 (1) (e) u 338 (ee) tal-Kap 9;

Tikkundannah ghall-hlas ta' multa ta' tlett mitt lira Maltin (Lm300) u tiskwalifikah milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien sena mil-lum.

(ft) Giovanni Grixti
Magistrat

(ft) Eva Buttigieg
D/Registratur

Vera Kopja

Ghar-Registratur